# Lectio Divina

# It-Tielet Ħadd tal-Avvent (B)

## Ġw 1,6-8.19-28

**Kien hemm raġel mibgħut minn Alla, jismu Ġwanni.**

Wara l-ftuħ tal-*Prologu* tar-raba' Vanġelu fuq il-Verb «λόγος», jidħol il-bniedem «ἄνθρωπος». Alla jsieħeb lill-*bniedem* fl-opra tiegħu; fl-*innu* lil Kelma ta' Alla li ssir laħam (cfr *Ġw* 1,14), hija b'xi mod protagonista anki l-ħlejqa. Il-Battista «kien hemm», «ġie maħluq» («ἐγένετο»), filwaqt li l-Verb huwa dak li permezz tiegħu sar kollox (cfr *Ġw* 1,3). Il-vv. 6-8 donnhom jidhru inserzjoni fil-prologu oriġinali, x'aktarx biex jiċċaraw li l-prekursur ta' Kristu ma kellux jitqiegħed fuq l-istess livell ta' Kristu. It-tnejn kienu jxandru l-wasla tas-Saltna (cfr *Mt* 3,1-2), u t-tnejn kienu jsejħu għall-konverżjoni (Mt 4,17), imma Kristu kien id-«dawl» (cfr *Ġw* 1,9), filwaqt li Ġwanni kien «xhud» tiegħu (v. 7).

L-isem «Ġwanni» ifisser "YHWH kellu ħniena": il-«mibgħut» huwa don ta' Alla, turija tal-ħniena tiegħu. In-nuqqas ta' profeti huwa sinjal tal-kastig ta' Alla għad-dnubiet tal-poplu (cfr *S* 74,9), għax il-profeti huma «l-għajnejn» tiegħu (cfr *Is* 29,10).

**Dan ġie bħala xhud, biex jixhed għad-dawl, biex bih kulħadd jemmen. Ġwanni ma kienx id-dawl, imma ġie biex jixhed għad-dawl.**

Il-profeta kien jeħtieġ x'jagħti xhieda («μαρτυρία») li l-ħidma tiegħu hija tassew ġejja minn Alla (cfr *Eż* 4,1-9). Fir-raba' Vanġelu hemm diversi *xhieda* li juri li Ġesù huwa l-mibgħut tal-Missier (cfr *Ġw* 8,18): l-ewwelnett l-istess Missier; kif ukoll Ġwanni l-Battista, l-Iskrittura, u l-istess opri ta' Ġesù (cfr *Ġw* 5,36-37). Il-missjoni tal-Battista kienet dik li jwassal lil min jisimgħu sabiex «jemmen» fi Kristu. Huwa dak li juri lil Kristu għaddej: «Hawn hu l-ħaruf ta' Alla!» (*Ġw* 1,36) u li minħabba fix-xhieda tiegħu Indri, Filippu (1,35-37) jimxu wara l-Imgħallem. Imbagħad huma, bix-xhieda tagħhom, iwasslu lid-dinja semitika (cfr 1,41-42. 45-49) u anki lid-dinja pagana (cfr 12,21-22) għand Kristu. Il-Battista għalhekk huwa *figura* tax-xhieda kollha li matul l-istorja rċivew il-missjoni li jixhdu li d-dawl divin jinsab preżenti fid-

dinja. Għaldaqstant, il-figura u l-messaġġ tiegħu għandhom valur universali. Bħalma hu kien xhud leali ta' Kristu - «kollu minnu kull ma qal Ġwanni fuq dan il-bniedem» (*Ġw* 10,41) – hekk id-dixxipli ta' kull żmien huma msejħa biex ikunu xhieda awtentiċi tiegħu fil-kuntesti fejn jgħixu.

**Ix-xhieda ta' Ġwanni kienet din, meta l-Lhud ta' Ġerusalemm bagħtu għandu xi qassisin u Leviti biex jistaqsuh: «Int min int?» Hu stqarr bla ma ċaħad: «Jien m'iniex il-Messija.» Huma reġgħu staqsewh: «Mela min int? Elija?» «M'iniex,» qalilhom. «Int il-Profeta?» «Le,» weġibhom.**

L-ewwel tweġiba ta' Ġwanni hija fin-negattiv «m'iniex il-Messija», «m'iniex [Elija]», «le [m'iniex il-Profeta]»: hu iġarraf il-ħitan ta' kull idealizzazzjoni u eżaltazzjoni tiegħu nnifsu. Id-dixxiplu jrid jistqarr *bla ma jiċħad* li hu mhuwiex il-Messija, imma qaddej li ma jiswa għalxejn, li għamel biss dak li kellu jagħmel (cfr *Lq* 17,10). Ġwanni jgħallem l-ispirtu li għandu jsuq lil min hu msejjaħ biex jixhed għad-dawl quddiem il-bnedmin (cfr *Mt* 5,13): «Ħadd ma jista' jirċievi xi ħaġa jekk ma tingħatalux mis-sema. Intom stess tistgħu tixhdu li jiena għedtilkom li 'jien m'iniex il-Messija,' imma biss li 'jien kont mibgħut qablu.' Dak li għandu l-għarusa huwa l-għarus; imma l-ħabib tal-għarus, li jkun ħdejh u jisimgħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen l-għarus. U dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet. Jeħtieġ jikber hu u niċkien jiena.» (*Ġw* 3,27-30).

Ix-xhud fidil jitqabad kontinwament kontra l-imħabba żejda lejh innifsu – dik li t-tradizzjoni Kristjana ssejjaħ *philautía* – li twasslu biex jibni immaġni tiegħu nnifsu, tal-oħrajn – inkluż ta' Alla – li mhijiex dik reali. Din twassal għall-idolatrija fejn il-bniedem jagħti dahru lil Dak li Hu biex iqim lil dak li mhux: "Minflok temmen f'Alla tagħżel li tqim l-idolu, li wiċċu tista' ssawru, li l-bidu tiegħu magħruf għax għamilnieh aħna. Quddiem l-idolu wieħed ma jirriskjax li ssirlu sejħa li toħorġu mis-sikurezzi tiegħu, għaliex l-idoli «għandhom il-fomm u ma jitkellmux» (*S* 115, 5). Nifhmu mela li l-idolu huwa skuża biex inqiegħdu lilna nfusna fiċ-ċentru tar-realtà, u naduraw l-opra ta' jdejna. Il-bniedem meta jitlef id-direzzjoni fundamentali li tgħaqqadlu l-eżistenza tiegħu, jintilef fil-kotra ta' xewqatu; meta jiċħad li jistenna żmien il-wegħda, jinqasam fl-elf waqt tal-istorja tiegħu... Il-fidi bħala virtù marbuta mal-indiema, hi bil-maqlub tal-idolatrija; hi firda mill-idoli biex wieħed jerġa' lejn Alla l-ħaj, permezz ta' laqgħa personali. Temmen ifisser tafda f'imħabba ħanina li dejjem tilqa' u taħfer, li tmantni u tagħti direzzjoni lill-eżistenza, li turi ruħha qawwija fil-ħila tagħha li tiddritta t-tagħwiġ tal-istorja

tagħna. Il-fidi hi disponibbiltà li wieħed iħalli lilu nnifsu jinbidel dejjem mill-ġdid tas-sejħa ta' Alla." (Franġisku, *Lumen fidei* 13).

**Imbagħad qalulu: «Mela min int? Biex nagħtu tweġiba lil dawk li bagħtuna. Min tgħid li int?» U hu wieġeb kif qal il-profeta Isaija: «Jiena l-leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Wittu t-triq tal-Mulej.»**

Hija l-kelma ta' Alla nnifisha li ddawwal l-identità vera tax-xhud (cfr *Mt* 3,3; *Mk* 1,3; *Lq* 3,4; *Ġw* 1,23). Ix-xhud ma jintilifx fuq ħafna argumentazzjonijiet magħmula minn kliem fieragħ, li forsi jistgħu jwaqqgħuh fit-tentazzjoni li juri l-għerf uman tiegħu u jgħid kliem qarrieqi lil dawk li huma għatxana għall-verità (cfr *Rum* 16,18; *Efes* 5,6; *2Pt* 2,3; *Apok* 13,5), imma kliemu joħroġ minn qalb li fiha tgħammar il-Kelma ta' Alla: «Jekk xi ħadd għandu d-don tal-kelma, jipprietka l-kliem ta' Alla...» (*1Pt* 4,11; cfr *2Tim* 3,15-17).

Biex ixandar il-«kliem ta' Alla», ix-xhud irid ikollu libertà nterjuri fejn ma joqgħodx iqis li jogħġob lill-bnedmin imma lil Alla (cfr *Atti* 5,29). Għax-xandir ta' din il-Kelma, ix-xhud lest ixerred demmu, kif għamel il-Battista li kien ċar ma' dawk li kienu mbiegħda mis-Sewwa: sew jekk kienu «mill-Fariżej u s-Sadduċej»: «Ja nisel il-lifgħat, min uriekom kif għandkom taħarbu mill-korla li ġejja?» (*Mt* 3,7); sew jekk kienu «pubblikani», sew jekk kienu «suldati» pagani, sew jekk kien «Erodi t-tetrarka» (cfr *Lq* 3,7-20). Ġwanni, li kien jgħix fis-selvaġġ, huwa l-bniedem li jneżżgħa l-maskri tal-apparenzi sbieħ u jikxef il-miżerja tal-qlub korrotti bid-dnub. Ma jagħżilx il-ħajja komda u falza! "Hemm dejjem il-periklu, anki għall-bnedmin tal-Knisja, li jaqgħu għal dik li jien insejħilha, skont espressjoni ta' De Lubac, il-*mondanità spiritwali*: taqa' għall-ispirtu tad-dinja, hekk li dak li jkun jaħdem biex jirrealizza lilu nnifsu u mhux għall-glorja ta' Alla, [twassal] għal tip ta' 'borgeżija tal-ispirtu u tal-ħajja' li twassalna biex noqogħdu [nadattaw, "adagiarsi"], biex infittxu ħajja komda u trankwilla" (Franġisku, *Diskors* 21 Ġunju 2013).

Din il-qawwa tal-"bniedem selvaġġ" għax mhux konformi mal-*kriterji* ta' kompromess li taqa' fihom id-dinja reliġjuża, politika u soċjali li fiha jgħix, hija minnha nnifisha *qawwa li tiġbed lejha* lil min jinsab ikkalzrat fil-ktajjen tad-dnub, bħalma kien Erodi (cfr *Mk* 6,20). Erodi "jħoss li fi Ġwanni hemm qawwa interjuri u libertà li hu m'għandux. U jaf li Ġwanni hu bniedem ġust u qaddis. Huwa fih innifsu ġust, onest, bla biża' quddiem il-bnedmin. Ma jħallix lil min jgħawwġu. U hu qaddis, jiġifieri mhuwiex lest jaqa' għall-kompromessi, hu ħareġ miċ-ċrieki tan-nies komuni. L-ebda bniedem ma jista' jaħkmu. Għaliex hu għandu fih qawwa oħra, il-

qawwa tal-qdusija. Erodi jitkellem bil-qalb ma' Ġwanni u fl-istess ħin jibqa' «mħasseb ħafna». Jilmaħ fih xi ħaġa li hija awtentika u ġenwina. U jħoss li hi xi ħaġa li tista' tagħmillu tajjeb li kieku jkollu jimxi fuq dak li qed jgħidlu dan il-bniedem selvaġġ. Imma fl-istess ħin, Erodi jibża' jibdel ħajtu, li jinżel mit-tron regali tiegħu u jesponi lilu nnifsu għall-verità tiegħu". (Anselm Grün, *Lottare e amare*, p.159).

**Issa dawk il-messaġġiera kienu min-naħa tal-Fariżej. Huma staqsewh: «Mela kif qiegħed tgħammed la m'intix il-Messija, u la Elija u lanqas il-Profeta?» «Jiena ngħammed bl-ilma,» weġibhom Ġwanni, «imma f'nofskom hemm wieħed li intom ma tafuhx, u li ġej warajja; jien anqas ma jistħoqqli nħoll il-qafla tal-qorq tiegħu.»**

Fl-ewwel komunitajiet Insara kien hemm dawk li kienu jafu biss bil-magħmudija ta' Ġwanni (cfr *Atti* 18,25; 19,3), u allura kienu jistaqsu x'kellha differenti l-magħmudija ta' Kristu. Filwaqt li min kien jirċievi l-magħmudija tal-Battista kien jintrabat mal-messaġġ imħabbar mill-prekursur, min kien jirċievi l-magħmudija ta' Kristu kien jintrabat mal-aħbar tal-Imwiegħed, l-Għarus mistenni, li kien isawwab fuq dawk li jitwieldu mill-ġdid id-don tal-Ispirtu (cfr *Atti* 10,44-48; 19,5-6).

Fl-aħħarnett, il-Battista jgħid lill-Fariżej li Ġesù jinsab f'nofshom imma ma jafuhx. X'ħin Ġwanni kien qed jitkellem Ġesù kien għadu fl-anonimat, "mitluf" fil-folla. Anki d-dixxiplu ta' kull żmien jista' jiġrilu li jkollu lil Kristu f'nofsu, preżenti fil-fqir, fl-«iżgħar», imma ma jindunax bih. Id-dixxiplu għalhekk ma għandu qatt jehda jsaqsi għal Mulej u jfittxu «sakemm hu qrib».